MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 54/2011

**John Bonavia**

**Vs**

**Roger Attard**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Frar 2011 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasu s-somma ta’  hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro, Sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) rapprezentanti s-servizz ta’ sensal presenatti mir-rikorrent lill-konvenut fuq xiri u bejgh ta’ fondi fi Triq Nazju Ellul, Msida.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal ittra ufficjali 4156/2010 u tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju bin numru 621/2011 u

bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz gew notifikati lill Roger Attard personalment fil 21 ta' April 2011 u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal John Francica datati 21 ta' April 2011 (fol 9).

Rat illi l-konvenut, debibitament notifikat, naqas illi jaghmel risposta kif ukoll illi naqas illi jidher ghas-seduta tal 14 ta' Gunju 2011 u tal-21 ta' Ottubru 2011.

Illi fis-seduta tal-21 t'Otturbu, 2011 l-attur pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 11).

Rat illi fis-seduta tat-24 t'Ottubru, 2011 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess attur tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro, Sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------